# QORTI ĊIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar t-Tlieta**
**Tlieta (3) ta’ Diċembru 2019**

**Rikors Numru 195/18 FDP**

Fl-ismijiet

**Ludwig Lautier (ID 235481M)**
**u**
**Sian Jennifer Lautier**
**(Passaport Ingliż 510590211)**

**Vs**

**Hazel Mary Yelf (ID 60466A)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta’ Frar 2018, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

*Illi permezz ta’ konvenju datat tnejn (2) ta' Frar elfejn u sittax (2016), liema konvenju gie debitament registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-intimata obbligat ruħha illi tbiegħ u tassenja il-fond ossija appartament bin-numru erbgħa (4), Vista Terrace Triq l-Iskuna Qawra L/T San Pawl il-Baħar flimkien ma sehem pro-rata indiviz fil-partijiet komuni fl-istess blokka, flimkien ma’ car space internament immarkat*

*bin-numru sitta (6) u store room immarkat bin-numru ħamsa (5) fil-kumpless ta' garages ukoll b'sehem pro-rata indiviż fil-partijiet komuni liberu u frank, u dana kif aħjar deskritt fil-preċitat konvenju u bid-drittjijiet u l-limitazzjonijiet' kollha kif imsemmija fil-konvenju. Dana versu l-prezz kumplessiv ta' ħamsa u tletin Elf Euro(€85,000);*

*Illi dan il-konvenju kien debitament transuntat in atti tan-Nutar Dott. Dorita Galea Medati pemezz ta' att datat 6 ta' Settembru 2016 (Dok A).*

*Illi l-intimata għalkemm interpellata b'ittra uffiċjali, a tenur ta' artikolu 1537 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok B) baqgħet inadempjenti;*

*Illi għalhekk kelha ssir din il-kawża; .*

*Tgħid għalhekk l-intimata, għaliex, għar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

1. *TIDDIKJARA illi l-intimata hija obbiligata illi tbiegħ u tassenja mill-poter tagħha l-fond, ossija appartament bin-numru erbgħa (4), Vista Terrace Triq l-Iskuna Qawra L/T San Pawl il-Baħar flimkien ma sehem pro-rata indiviz fil-partijiet komuni fl-istess blokka, flimkien ma car space internament immarkat bin-numru sitta (6) u store room immarkat bin-numru ħamsa (5) fil-kumpless ta' garages ukoll b'sehem pro-rata indiviz fil-partijiet komuni liberu u frank, u dana kif aħjar deskritt u bid-drittjijiet u l-limitazzjonijiet kollha kif imsemmija fil-konvenju datat tnejn (2) ta' Frar elfejn u sittax (2016). Dana versu l-prezz kumplessiv ta' ħamsa u tmenin Elf Euro (€ 85,000);*

2. *TINNOMINA lin-nutar Dott. Dorita Galea Medati sabiex tippubblika l-att relattiv skond dak patwit fil-konvenju msemmi u tiffisa jum, lok u ħin għall-publikazzjoni ta' l-imsemmi att;*

3. *TINNOMINA kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw jekk ikun il-każ lill-eventwali kontumaċja;*

4. *TAWTORIZZA lill-esponenti, f'każ li t-talbiet fuq esposti jigu akkolti jiddeposita fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti il-prezz patwit li minnu jigi mnaqqas l-ispejjes tal-presenti kif ukoll kull ammont li jista' jkun dovut mill-intimata lill-Kummissarju tat-taxxi Interni.*

*Bl-ispejjes tal-presenti u ta' l-ittra uffiċjali, u bl-intimata minn issa ingunta in subizzjoni.*

2. Rat illi fl-10 ta' April 2019, ir-rikorrenti gew awtorizzati jinnotifikaw lill-intimata bil-pubblikazzjoni u affissjoni wara illi ma setghux jinnotifikawha mod ieħor.

3. Rat illi l-intimata ġiet notifikata permezz ta' affissjoni fl-indirizz 4, Vista Terrace, Triq l-Iskuna, Qawra, kif ukoll fl-Għassa ta' San Pawl il-Bahar u l-Kunsill Lokali ta' San Pawl l-Baħar, ilkoll fl-4 ta' Mejju 2018 (vide fol 34), pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-8 ta' Mejju 2018 (vide fol 35) u fit-Times of Malta tat-28 ta' Mejju 2018 (fol 37).

4. Rat illi fid-9 ta' Ottubru 2018, l-intimata, msejjħa diversi drabi, ma deheritx.

5. Rat l-affidavit ta' Ludwig Lautier ippre\entat fid-9 ta' Ottubru 2018. (fol 42)

6. Rat ix-xħieda tan-Nutar Dorita Galea Medati, mogħtija fl-1 ta' Novembru 2018 (fol 56).

7. Rat illi fl-10 ta' April 2019, ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi.

8. Rat illi fl-10 ta' April 2019 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

9. Rat illi fis-26 ta' Gunju 2019, din il-Qorti, kif presjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ u ddifferiet il-kawża għas-sentenza.

10. Rat illi fis-26 ta' Gunju 2019, ir-rikorrenti ddikjaraw is-segwenti:

> *"mir-riċerki tan-Nutara Dr Dorita Galea Medati, jirriżulta illi l-propjeta' meritu tal-kawża ma ġietx dikjarata fil-kawża mortis tar-ragel tagħha David James Yelf, u għalhekk, fl-eventwalita' li din il-Qorti tilqa' t-talbiet, ikun meħtieg li n-Nutar tiġi awtorizzata tippubblika wkoll d-dikjarazzjoni causa mortis tad-defunt David James Yelf, qabel ma jsir il-kuntratt kif mitlub fil-kawża"*

11. Rat illi l-intimata, debitament notifikata, qatt ma dehret quddiem il-Qorti, la biex tikkontesta t-talbiet magħmula u wisq anqas biex tixhed u/jew tagħmel is-sottomissjonijet tagħha dwar it-talba rikorrenti.

12. Rat illi, mix-xhieda prodotti mir-rikorrenti, u partikolarment ix-xhieda tan-Nutar Dr Dorita Galea Medita, il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tilqa' kemm it-talba kif dedotta fir-rikors promotur, kif ukoll dik addizzjonali illi saret seduta stante fis-26 ta' Gunju 2019, u għalhekk il-Qorti ser tilqa' t-talbiet kollha rikorrenti.

**Deċide**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi prodotti,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-każ odjern billi,

**TILQA'** t-talbiet attriċi kollha kif dedotti, u għalhekk

**TIDDIKJARA** illi l-intimata hija obbiligata illi tbiegħ u tassenja mill-poter tagħha l-fond, ossija appartament bin-numru erbgħa (4), Vista Terrace Triq l-Iskuna Qawra L/T San Pawl il-Baħar flimkien ma' sehem pro-rata indiviz fil-partijiet komuni fl-istess blokka, flimkien ma' car space internament immarkat bin-numru sitta (6) u store room immarkat bin-numru ħamsa (5) fil-kumpless ta' garages ukoll b'sehem pro-rata indiviz fil-partijiet komuni liberu u frank, u dana kif aħjar deskritt u bid-drittjijiet u l-limitazzjonijiet kollha kif imsemmija fil-konvenju datat tnejn (2) ta' Frar elfejn u sittax (2016), u dana versu l-prezz kumplessiv ta' ħamsa u tmenin Elf Euro (€ 85,000); u għalhekk

**TORDNA** lill-intimata Hazel Mary Yelf tbiegħ u tassenja l-fond, ossija appartament bin-numru erbgħa (4), Vista Terrace Triq l-Iskuna Qawra L/T San Pawl il-Baħar flimkien ma' sehem pro-rata indiviz fil-partijiet komuni fl-istess blokka, flimkien ma' car space internament immarkat bin-numru sitta (6) u store room immarkat bin-numru ħamsa (5) fil-kumpless ta' garages ukoll b'sehem pro-rata indiviz fil-partijiet komuni liberu u frank, u dana kif aħjar deskritt u bid-drittjijiet u l-limitazzjonijiet kollha kif imsemmija fil-konvenju datat tnejn (2) ta' Frar elfejn u sittax (2016) lir-rikorrenti Ludwig Lautier u Sian Jennifer Lautier u dana versu l-prezz kumplessiv ta' ħamsa u tmenin Elf Euro (€ 85,000);

**TINNOMINA** lin-nutar Dott. Dorita Galea Medati sabiex tippubblika kull att meħtieg, inkluż id-Dikjarazzjoni Causa Mortis tad-defunt David James Yelf, kif ukoll sabiex tippubblika wkoll l-att relattiv skond dak patwit fil-konvenju msemmi u dana sa mhux aktar tard minn tlett xhur mid-data ta' dina s-sentenza.

**TAPPUNTA** kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-Intimata Hazel Mary Yelf fuq kull att pubbliku in konnessjoni mal-każ odjern u għal dan il-għan, tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jappunta l-kuraturi deputati li jmissu skond il-lista;

**TAWTORIZZA** lir-rikorrenti sabiex jiddepositaw fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti il-prezz patwit, wara li minnu jigu mnaqqsa l-ispejjes kif mitluba fir-rikors promotur kif ukoll kull ammont li jista' jkun dovut mill-intimata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-ispejjeż kollha u drittijiet in konnessjoni mal-pubblikazzjoni ta' kull att meħtieg sabiex tali sentenza tigi eżegwita.

**Bl-ispejjez** kollha kif miltuba fir-rikors promotur.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**